MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru. 951/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**VS**

**Christopher Mifsud, iben Paul u Josephine nee' Farrugia, imwieled Tal Pieta' nhar is-6 ta' Jannar, 1984, residenti fil-fond Paul Joyce, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 0054084M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Christopher Mifsud li gie akkuzat talli:

- F'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Novembru, 2003 u matul l-ahhar granet qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u dan bi ksur

tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu (folio 7).

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 6, Dok CSH2).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza ghandha l-bidu taghha f'investigazzjoni li bdiet il-pulizija meta skont l-Ispettur Pullicino accedew fil-fond Triq il-Kappillan, Hamrun, fuq allegazzjoni li l-imputat (li kellu Lada), kellu arma tan-nar u anke ammont ta' droga cannabis. Acceda fil-fond mal-Ispettur Cilia. Saret search fil-presenza tieghu, cioe' tal-imputat. Xehed illi mill-kamra tas-sodda (il-kamra tal-bejt) f'cupboard, instabet id-droga. Mit-tfittxija anke gol-Lada, ma nstabet ebda arma. Sabu zewg blokok ghand l-imputat. Skont l-Ispettur, l-imputat li hawn ghadu nvestigat, kien qallhom illi kien sab id-droga Hal Far taht il-gebel. Xehed ukoll l-Ispettur illi mal-istess droga, instabet ukoll is-somma ta' elf disa' mija u tletin lira Maltin (Lm1,930.00). Xehed illi dwar din is-somma, qal illi l-imputat kien qallu li kien ser juzahom biex jixtri post.

Ezebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, Dok CM, a folio 38. Din l-istqarrija giet mehuda minghajr ma l-imputat gie moghti d-dritt tal-assistenza legali skont il-Ligi vigenti fiz-zmien tat-tehid taghha.

Ikkonferma din is-sejba l-Ispettur Jeffrey Cilia. Zied illi waqt it-tfittxija giet elevata anke pipa. Gharaf l-istqarrija ezebita.

Saret Inkjesta Magisterjali dwar din is-sejba in ezami, ghalhekk l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur ghal dan l-iskop, ta analizi tad-droga, u kkonkluda hekk:

"*Illi ma nstabux sustanzi llegali fil-pipa tal-hgieg illi kien hemm fid-dokument 03 DBD 203;*

*Illi fil-blokka u parti minn blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 03 DBD 201, f'ammont nett totali ta' 373.2 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-purita' tal-blokka u l-parti minn blokka tas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' circa 10.5%. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), li tigi mill-pjanta tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

PC 1525 Patrick Farrugia, mahtur bhala SOCO, xehed illi gew elevati zewg blokok ta' lewn kannella li gew ikkonsenjati lill-Ispizjar, pipa kbira tal-hgieg ukoll ikkonsenjata, is-somma ta' elf disa' mija u tletin lira Maltin (Lm1,930.00), u borza tal-plastic li kienet tikkontjeni l-materjal.

Illi ghalkemm PC 659 Jeffrey Hughes, anke ha l-impronti digitali tal-imputat, u sar l-ezami komparattiv minn Joseph Mallia ma' dawk misjuba fuq il-basket tal-plastic, pero l-istess Joseph Mallia kkonkluda li l-impronti hekk misjuba, kienu neqsin mill-punti karatteristici li setghu jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni.

Xehed anke missier l-imputat, pero limitatament fil-konfront tal-liberita' provizorja.

Gie redatt ukoll minn Marietta Lanzon Social Inquiry Reoprt. In succint qalet illi l-imputat kellu problema bil-vizzju tal-abbuz tad-droga, dwar anke l-impossibilta' tieghu li jhalli samples, u l-bzonn illi kellu li jaghmel programm, anke fuq id-diffikulta' tieghu li jzomm xoghol permanenti.
Aktar tard qalet illi hu issa kien irnexxielu jakkwista impjieg, li kien ghamel kors mal-ETC, kif ukoll illi kien ser jerga' jsir missier.
Regghet xehdet illi kien rega' rrilepsja, pero kien talab l-ghajnuna.

Ikkundsidrat ukoll, illi verament kif gie espost, l-imputat irrilaxxa stqarrija minghajr ma kien assistit minn avukat – certament pero u bla dubbju, skont il-Ligi vigenti dak iz-zmien.

Varji kienu l-gudizzji li saru f'dan il-konfront fil-gurisprudenza taghna, b'mod partikolari dawk ta' Charles Stevens Muscat; Alan Privitera, u ta' Paul Cutajar. Fl-isfond ta' dawn id-decizjonijiet, il-Qorti rat ukoll il-fedina penali netta tal-imputat, rat anke ghalhekk l-eta' tenera tal-imputat fiz-zmien illi rrilaxxa l-istqarrija – dsatax(19)-il sena, u tqis illi fil-fatt l-imputat kien f'posizzjoni vulnerabbli, nieqes mill-assistenza legali, ghalhekk taghzel illi tiskarta l-istess stqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta illi Christopher Mifsud kellu fil-pussess tieghu ammont sostanzjali ta' blokka cannabis, fl-ammont ta' 373.2 grammi.

Huwa veru, kif qal l-Avukat Difensur, illi fl-investigazzjoni u fit-tfittxija fil-fond fejn kien jirrisjedi l-imputat, ma nstabu ebda mwiezen, foil, jew affarijiet ohra li aktar iwasslu biex jindikaw illi d-droga ma tkunx ghall-uzu esklussiv. Pero l-ammont misjub, huwa fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed ferm preokkupanti. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, (Imhallef Dr Joseph Galea Debono), nhar il-25 ta' Mejju, 2007, fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Norbert Ciappara; Spt Pierre Grech) vs Kevin Bellotti", il-Qorti qalet:
"*Issa huwa risaput li l-ammont tad-droga li tinstab hija wiehed mill-fatturi determinanti li l-Qrati jistghu jibbazaw fuqhom il-konsiderazzjonijiet taghhom biex jiddeciedu jekk tali pussess ikunx ghall-uzu esklussiv tal-hati jew inkellha jkunx indikativ li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tara li l-mod kif kien organizzat l-appellant biex jikkoltiva l-pjanta tal-cannabis u l-ammont ta' pjanti w weraq tal-piz nett ta' ta' l53.9 grammi ma kienx wiehed li jindikaw li dan qed jaghmel biex ikollu ftit tal-haxixa jhalli jpejjipha hu biss u hu ndikattiv li, minkejja c-*

*cahda tieghu, li xi parti minn din id-droga kienet tispicca f' idejn haddiehor.*"

Fil-kawza fl-ismijiet "The Police vs Daniel John Mountford" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar id-19 ta' Frar, 2010, per Imhallef Dr David Scicluna, hawn il-Qorti qalet, hekk citando sentenza ohra:
"*Jibqa', pero`, il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun facilment jista' jiddeciedi li, flok ma juza dik id-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor.*"

Hawn il-Qorti kienet qed tikkonsidra l-ammont ta' 107.612 grammi, li l-istess Qorti sejhet "*……not a negligible amount.*"

Illi *multo magis* japplika dak espost, meta l-ammont in kwistjoni misjub kien ta' 373.2 grammi.

Illi tenut dak kollu espost, din il-Qorti ssib htija ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk issib lil Christopher Mifsud hati ta' pussess aggravat (mhux ghall-uzu esklussiv tieghu) tad-droga cannabis.

Dwar il-flus misjuba, ghalkemm misjuba f'cirkostanzi dubbjuzi, pero apparti ghall-impjieg tal-imputat dak iz-zmien, skont dokumenti ezebiti mid-Difiza (payslips u FS3) (folio 45 – 46), ebda prova ma ngabet li dawn kienu provenjenti minn xi tqassim ta' droga, ghaldaqstant mhix qed tordna l-kofiska taghhom.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 22(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Christopher Mifsud ghal piena karcerarja ta' sittax(16)-il xahar, u ghal multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500)

Tordna wkoll illi l-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' mija u disgha u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu(€199.73), wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll ili d-droga misjuba tigi kollha distrutta, u ghal dan l-iskop tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali, liema droga ghandha ezebit numru KB199.2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------